GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/21*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti

### 1. Approvazzjoni

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 20. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi

Għal dawn il-minuti ma tressqux proposti għal emendi. Għalhekk dawn ġew meħuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti

### 1. Proġett ta' Rikostruzzjoni tal-Pjazza

Ix-xogħol fuq il-proġett tal-pjazza hu tista' tgħid lest minn kollox. Kullma għad fadal hu li jitqiegħed ftit madum fil-bankina f'żewġ postijiet. Dan ix-xogħol kien wieqaf peress illi l-kuntrattur kien qiegħed fuq xogħol ieħor urġenti.

### 2. Appell fuq Tenders

Il-Kunsill kien infurmat illi s-Sur Mario Bugeja li kien offerent fuq il-kuntratti tal-Bulky Refuse, u ta' Street Cleaning & Sweeping, kien ressaq appell fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li dawn il-Kuntratti ma jingħatawx lilu iżda jingħataw lil kuntrattur ieħor li tefa' l-offerta.

Għal kuntratt tal-Public Toilets, l-istess kuntrattur ma ressaqx appell.

Id-dokumenti tal-appell kienu ntbagħtu lill-Kunsill u magħhom kien depożitat l-ammont ta' €200 li nofs dan l-ammont jinżamm mill-Kunsill u n-nofs l-ieħor

jintbagħat lill-Bord. Jekk l-appell jintilef mill-Kunsill, l-ammont totali jrid jiġi rifuż lill-appellant.
Dawn id-dokumenti mbagħad intbagħtu lill-bord tal-appell u magħhom ntbagħtet ukoll ir-risposta tal-Kunsill għall-oġġezzjonijiet li kien ressaq l-appellant. L-ewwel seduta tal-appell se tinstema il-Ħamis 4 ta' Frar 2010.

**IV. Korrispondenza**

i. Applikazzjoni għal permess tal-bini ta' apartamenti u garaxxijiet fi Triq il-Knisja.
ii. Applikazzjonji għal twaqqigħ ta' dar li hi fi stat li taqa' u li terġa' tinbena kif inhi fil-preżent.
iii. Il-Mepa bagħtet tinforma lill-Kunsill, illi fil-14 ta' Jannar se tinżamm laqgħa fl-uffiċċju tal-Mepa biex tiġi determinata l-applikazzjoni għal inklużjoni ta' sit fl-area "Ta' Leveċċa" fi Triq il-Knisja.

**V. Mozzjonijiet**
**1. Laqgħa tal-Lokalita**
Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita tinżamm nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010 fis-6.30p.m. Il-pubbliku għandu jiġi nfurmat permezz ta' fuljett li jintbagħat f'kull residenza.
**2. Estimi Finanzjarji 2010**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Estimi Finanzjarji għas-sena kalendarja 2010 u li dan ifisser illi b'differenza mis-snin ta' qabel għas-sena 2010, l-estimi se jkopru sena finanzjarja minn mill-bidu ta' Jannar sa l-aħħar ta' Diċembru 2010.
F'dawn l-estimi, l-Kunsill qed jikkalkula li se jkun hemm dħul li jammonta b'kollox għal €157,911 li jikkonsistu f'€156,661 bħala allokazzjoni u l-bqija huma dħul minn permessi, imgħxijiet u liċenzji. Bħala nfieq, il-Kunsill qed jippjana li għal salarji, allowances u bonus se tintefaq is-somma ta' €38,464.61.
Fuq l-operazzjoni u manutenzjoni qed nippjanaw li jkun hemm infieq ta' €92,250 filwaqt illi fuq Infieq Kapitali qed nimmiraw li noħorġu l-ammont ta' €27,000
Il-Kunsill unanimament approva dawn l-estimi.

**VI Materji Ohra**
**1. Suġġeriment mis-Sur Toni Calleja**
Is-Sindku ressaq ittra mibgħuta lilu mis-Sur Toni Calleja fejn dan bħala awtur storiku tar-raħal tagħna, qed jissuġġerixxi jekk jistax il-Kunsill jissussidja l-ispejjeż għal stampar ta' ktieb fuq il-ħajja ta' Patri Alfons M. Camilleri O.F.M. li kien mill-Għasri. L-ispejjeż ta' dan il-ktieb se tlaħħaq €850 skond diversi stimi li ġabar l-istess awtur.
Il-Kunsill ikkunsidra din it-talba u wara li ra li din se tkun unika għall-istorja ta' raħalna, kien aċċettat li jinħareġ l-ammont imsemmi.
**2. Allowance lill-Kunsilliera**
Memo 89/2009 qed tesiġi li b'effett mill-1 ta' Jannar 2010 kull Kunsillier għandu jibda jingħata allowance ta' €600 kull sitt xhur pagabbli fl-aħħar ta' Ġunju u fl-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena. Din l-allowance għandha tkun proporzjonata man-numru ta' laqgħat li Kunsillier ikun attenda tul sena partikolari.
**3. Fondi mill-EU taħt l-ERDF Axis 2**
Permezz ta' Memo 11/2010 qed ikun imħabbar li hemm 2 miljuni fondi tal-EU li jistgħu jinkisbu.

Is-Sindku qal li hu kien qed jippjana li napplikaw biex isiru sqaqien fl-inħawi ta' San Pupulju. Hu għalhekk diġa kellem lil tal-Baron Group fuq hekk u huma qablu li jidħlu fil-proġett bi sħab mal-Kunsill. Huma offrew li jagħmlu l-pjanti kollha meħtieġa u li dawn ikunu fuq stil li jaqbel mal-ambjent ta' l-inħawi.
Is-Sindku qal li tal-Baron Group kienu offrew li jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill tal-lum iżda ma kienx possibbli għalihom.
Minbarra hekk, is-Sindku diġa tkellem ma' Dr Chris Said u dan wera qbil totali mal-proġett kif se jsir.

**4. Allokazzjoni Finanzjarja**

L-allokazzjoni finanzjarja ta' dan il-Kunsill Lokali għas-sena 2010 se tkun tammonta għal €156,661.

**5. Għotja ta' Siġar taż-Żebbuġ**

L-Onor. Dr Chris Said bagħat jinforma li s-Segretarjat tiegħu ma kienx se jibgħat kartolini tal-Milied u bl-ispejjeż li kienu se jkunu ffrankati, l-Uffiċċju tiegħu kien se jisponsorja 5 siġriet taż-żebbuġ għal kull Kunsill Lokali. Dawn jinġabru fl-aħħar ġimgħa ta' Frar 2010 mill Koperattiva Gozitano.

**6. Ġemellaġġ**

Bħalissa qed isiru l-pjanijiet ħalli numru ta' persuni mill-Għasri jmorru għal żjara f'Ottenschlag fl-Awstrija. Din iż-żjara se ssir mill-21 sat-28 ta' Lulju2010.
Għalhekk se tintbagħat stedina f'kull dar ħalli min jixtieq ikun jista' japplika ħalli jagħmel parti mid-delegazzjoni li se tkun tlaħħaq għal 35 persuna.
Kull persuna se tħallas biss il-vjaġġ u spejjeż relatati filwaqt li kemm se ndumu hemm, kollox se jkun imħallas mill-Kunsill ta' Ottenschlag.

**7. Performance Bonus lis-Segretarju**

Quddiem il-Kunsill tressqet Memo 86/2009 tas-17 ta' Diċembru 2009 fejn hu spjegat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qed jitlob li skond ir-Regolamenti 6 u 19 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) il-Performance Bonus għandu jiġi assenjat u deċiż matul Jannar 2010 u jinħadem fuq is-salarju ta' Jannar 2010.
Għalhekk, il-Kunsill qabel li l-Performance Bonus jingħata kollu lis-Segretarju skond dan il-Memo.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill.
L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar 2010 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ___________________